MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Numru. 958/2014

**SPETTUR CAROLINE FABRI**

**VS**

**AHMED TAREK MIGIREF**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Ahmed Tarek Migiref ta' 38 sena, bin Tarek u Fatima Mahmudi, mwieled Tripoli nhar 8 ta' Gunju 1976, residenti Centru ta' Hal- Far, B'Bugia, detentur ta' dokument mill- Kummissjoni Refugjati 16462-13 mahrug fit- 8 ta' Lulju 2014 ;

Talli;

1) Fil- 5 ta' Ottubru 2014 ghal habta tat- 3.15hrs minn Triq San Gorg, Paceville, ikkommetta serq ta' handbag li jiswa €11 u li kien fih Iphone 5C jiswa €450, Cashlink Card, €20, par msielet €16 liema ammont jeccedi €232.94 izda ma jeccedix €2,329.37 ghad-detriment ta' Georgette Gauci mill- Kalkara liema serq huwa kkwalifikat bil- valur u bil- hin;

2) Aktar talli kiser il- provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija mill- konfront tieghu mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr Josette Demicoli datata 7 ta' Settembru 2014 liema sentenza saret definittiv u ma tistax tinbidel;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jirrikonsidra sew dik l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li dik l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija.

U wara li rat l-Artikolu 28B(2)(b) tal-kap 9;

Testendi l-perijodu operattiv tas-sentenza ta' prigunerija sospiza datata 7 ta' Settembru, 2014, b' zieda ta' ordni ta' supervizjoni ghall- istess perjodu, ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------